ĦAL GĦAXAQ

Top of Form
Top of Form
Top of Form
Top of Form

---

Minuti tal-Laqgħa Nru. 4 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 29 ta' April 2013 fis- 6.30pm

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Darren Abela |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius |
| | Is-Sur Keith Fenech |
| | Is-Sinjura Mary Anne Schembri |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* April 2013;
   b) Skeda ta' Ħlas April 2013;
   c) *Management Letter*;
5. *Tender* għal *Cameras*;
6. *Tender* għal Van;

7. *Tender* tal-Perit;;

8. Suġġerimenti mill-Kunsilliera;

ĦAL GĦAXAQ

**1. Minuti**

Il-Minuti tat-Tielet Seduta ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki dwar l-eżattezza tagħhom, huwa ppropona li jkunu adottati.

Issekondat il-Kunsillier Agius u l-Kunsill qabel unanimament.

**2. Tagħrif mill-Minuti**;

a. L-Ittra li l-Kunsill irċieva mingħand is-Sur Spiteri dwar Triq Tumbarellu ġiet mogħtija lill-Avukat tal-Kunsill Dr. Luciano Busuttil.

b. Is-Sur Borg Caruana staqsejnieh kemm hu il-ħlas tal-wardens u t-tweġiba tiegħu kienet li hu xtaq ikun jaf x'attivitajiet għandu l-Kunsill fejn ikun jeħtieġ il-*wardens*.

b. Dwar il-lapida li s-Sur Charles Agius qed jilmenta li tneħħiet, filwaqt li s-Segretarju nfurmatu li ħadd ma kien jaf biha, is-Sur Agius reġa' qed jinsisti li din il-lapida kienet mwaħħla l-Kunsill.

c. Id-Direttur għall-Gvern Lokali għadu ma weġibx dwar ir-rikjest li l-Kunsill kellu mingħand

d. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju kellhom laqgħa mas-Sur Godfrey Gatt dwar il-fossa fil-limiti tal-Andar.

**3. Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails):-**

1. Mill-AKL, fejn bagħatu d-dokumenti kollha li għandhom x'jaqsmu mal-laqgha tas-Sindki li ser isir fil-31.05.13 u l-01.06.13 Għawdex. Is-Sindku qal li se jmur fil 31/5/13 u 1/6/13 filwaqt li l-Viċi Sindku se jmur fil 31/5/13.

2. Mill-MEPA nfurmaw dwar il-bilanċ li għandna tal-UIF li huwa ta' €31,329.78.
Bagħatu wkoll fejn ferħu lis-Sindku għall-kariga ġdida tiegħu w introduċċa ruħhu iċ-Ċermen il-ġdid u wkoll offrew l-għajnuna tagħhom f'każ ta' xi diffikulta'.

3. Mingħand *il-Primary Health Care*, fejn stiednu lill-Kunsill għal *health educational talks*.

4. Mingħand is-Sur Wightman mil-*Bicycling Advocacy Group* fejn infurmaw li Mejju huwa xahar tar-roti, għandhom jinfurmaw lill-Kunsill minħabba rotta li ser jghaddu minnha f'Ħal Għaxaq.

5a plenarja

. Mingħand is-Sur Demicoli fejn qed jilmenta dwar it-*traffic lights* tal-*Bypass* ta' ħdejn il-Madonna għax bħala ħin biex jaqsmu nies huwa ftit u anke sabiex jew issir *sleeping police,* u anke *speeding camera*.

6. Mingħand *Dogs Trust* dwar korsijiet li ser isiru dwar il-*microchipping* u t-taħriġ tal-klieb.

7. Mingħand il-Ministeru ta' Għawdex fejn infurmaw li ser issir *Lejliet Lapsi Notte Gozitana* 10 u 11 ta' Mejju, 2013.

8. Mingħand is-Sur Grech ta' *Superhomes Malta*, fejn talab tagħrif dwar jekk iwaħħal reklam li huwa akbar minn 3x3 ft x'inhi l-proċedura. Il-Kunsill qabel li dan jista' jsir mingħajr ħlas.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet ittra lill-Avukat tal-Kunsill Dr. L. Busuttil, dwar ittra legali li rċieva l-Kunsill mingħand is-Sur Spiteri tat-Triq Tumbarellu sabiex jieħu l-passi kollha neċessarji.

b) Intbagħatet ittra lir-residenti tat-Triq il-Gistakor, sabiex ineħħu l-vetturi tagħhom is-26.04.13, ħalli jittieħed il-kejl minħabba s-sinjali bojod li hemm fuq naħa minnhom.

c) Intbagħatet e-mail lis-Sur Borg Caruana fejn il-Kunsill talab ikun jaf x'inhuma r-rati li jitħallsu bihom il-gwardjani lokali.

d) Intbagħatet e-mail lid-Dipartiment fejn staqsejna jekk il-Kunsill jistax isellef karma sabiex iservi *ta' customer care point* għal Ministeru tal-Enerġija u Konservazzjoni tral-Ilma. Din it-talba waqghet.

e) Ittra lic-Chairman tal-WSC, fejn il-Kunsill qed jissuġġerixxi sabiex isir x-xogħol fil-fossa tad-drenaġġ li hemm ħdejn il-ground jitqabbad l-istess

kuntrattur tagħna Bonnici Bros Ltd. U b'hekk jitkompla xogħol mingħajr ebda dewmien.

f) Ittra lic-Chairman tal-MEPA dwar l-iżvilupp PA/00895/13 tal-ħajt li hemm fi Triq B'bugia, il-Kunsill li qed jilment fuq il-ħajt li tella' temporanjament u sa issa ghadu ma ġiex irranġat.

ĦAL GĦAXAQ

g) E-mail lis-Sur Christian Salerno tal-GAL Xlokk, fejn ġie nfurmat li għall-laqgħat tal-GAL Xlokk ser jibda jattendi il-Kunsillier Keith Fenech.

h) Reġgħet intbagħatet *reminder* oħra lill-BOV dwar il-bank ta' Bir id-Deheb.

i) E-mail lis-Sur C. Agius dwar l-irħama kommemorattiva li kien hawn il-Kunsill tal-Viċi-Sindki, fejn infurmajnih li din qatt ma kienet teżisti iżda huwa baqa' jinsisti li din kienet hemmhekk.

Il-Viċi Sindku qal li fl-ewwel xhur li hu (is-Sur Vassallo) kien Sindku kien ippropona li jsiru dawn l-irħamiet kif fil-fatt saru, qal ukoll li ma kienetx tagħmel sens li jkun hawn lapida tal-Viċi Sindki qabel dik tas-Sindki.

**4. <u>Materji Finanzjarji</u>:**

a. *Petty Cash*: Is- Segretarju Eżekuttiv elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul April 2013, li kienu jammontaw għal €66.75. Is-Segretarju qrat l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Segretarju Eżekuttiv talbet li tiġi kkumpensata b'€66.75 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Schembri.

b. *Skeda ta' Ħlas April 2013*: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' April 2013 u li jammontaw għal €40,890.13. Is-Segretarju qrat il-lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-ħlas u ġiet sekondata mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Management Letter*; għalkemm saret diskussjoni żgħira dwar il-*Management Letter*, sar qbil li din tiġi diskussa darb' oħra.

**5. <u>*Tender* għal *Cameras*</u>**

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li tinħareġ *tender* biex isiru l-*cameras* fejn "Ġnien il-Kunsill" minħabba l-vandaliżmu. Il-Kunsill qabel.

**6. <u>*Tender* għal *Van*</u>**

Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jkun hawn van biex jiġi wżat mill-ħaddiema tal-Kunsill għal xogħolijiet fit-toroq.
Is-Sinjura Agius staqsiet il-ħaddiema x'kienu se jġorru bil-van għax qabel kien isir xogħol u l-ħaddiema kienu jġorru kollox bil-karretta.



Il-Viċi-Sindku qal li l-ħaddiema jkollhom bżonn iġorru għodda, qal li qabel ma kienx hemm problema għax kien jiġi wżat il-van personali tiegħu.

Is-Sur Keith Fenech qal li l-aħjar il-Kunsill jara jekk jaqbilx li jinkera van għal ċerti drabi minflok jinxtara wieħed.

Sar qbil li l-Kunsill iġib kwotazzjonijiet għal kiri ta' van bil-kaxxa miftuħa.
Il-Kunsill qabel.

a plenarja

**7. *Tender* tal-Perit**

Is-Segretarju qalet li f'Novembru 2012, il-Kunsill kien ħareġ *tender* għas-servizz tal-Perit u tablet li hemm il-ħtieġa li tittieħed deċiżjoni.

Fil-laqgħa Nru. 57 li saret nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar 2013 fis-2.00pm kien ġie deċiż kif ġej fis-silta tal-Minuti.

***"8. Tenders tal-Perit***

***Waqt diskussjoni sar qbil li fid-dawl li l-Perit tal-Marvin Ellul għadu qiegħed jagħmel superviżjoni u jiċċertifika xogħolijiet tal-Kunsill li qed isiru bħalissa, ikun aħjar jekk jiġġeded il-kuntratt tiegħu għal sitt xhur oħra. Sar qbil ukoll li dwar dan jinġieb parir mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.***

***Sadanittant it-tenders kollha jiġu evalwati sitt xhur oħra. Min tefa' l-offerta jiġi nfurmat b'dan, jekk l-individwu ma jaċċettax li t-tender tiegħu tiġi evalwata sitt xhur oħra dan jingħata l-flus lura."***

Is-Segretarju qalet li kienet tablet parir u irċeviet tweġiba mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali li f'*e-mail* datata 18 ta' Jannar 2013, kif gej.

***"B'referenza għall-email tiegħek t'hawn taħt, ninsab inkarigat sabiex ninfurmak illi d-Dipartiment jirrakkomanda li flok issir estensjoni tal-kuntratt tal-Perit eżistenti, il-Perit eżistenti jkompli jieħu ħsieb il-proġetti eżistenti u jara li dawn jiġu konklużi mill-***

***aktar fis possibbli, filwaqt li l-proġetti l-ġodda jingħataw lill-Perit il-ġdid.”***

Fid-dawl ta’ dan kollu ġiet mitluba kopja tal-Minuti Nr. 57 u kopja tat-tweġiba mid-Dipartiment li dawn ġew imdaħħla fil-Minuti hawn fuq.

ĦAL GĦAXAQ

**8. <u>Suġġerimenti mill-Kunsillieri</u>**

a. Il-Kunsillier Agius uriet l-oġġezzjoni tagħha dwar Rapport li ġie ppreżentat mis-Sindku w l-Kunsillier Fenech lil Ministru Joe Mizzi waqt żjara li għamel fl-Uffiċċini tal-Kunsill.

Staqsiet ukoll min iffirma dan id-dokument u x’kien fih għax hi lanqas kienet taf li dan sar u ma qablet xejn miegħu. Is-Sinjura Agius kompliet tgħid li l-laqgħa mal-Ministru Mizzi kellha tkun dwar l-ARRIVA u dak kollu li jaqa’ taħt il-Ministeru tas-Sur Joe Mizzi.

Il-Kunsilliera Agius qalet li t-talba għal van ma kellhiex tkun lil Ministru Mizzi, qalet kien ikun aħjar kieku tlabnieh jgħin l-Kunsill f’ċerti affarijiet oħra bħat-Turretta biex tittranġa u l-Kunsill għal issa ma għandux flus għaliha.

Is-Sindku qal li r-rapport sar fuq problemi bażiċi.

b. Is-Sur Keith Fenech qal li fir-rapport il-Kunsill ippropona il-problemi li qed jiffaċċja l-Kunsill fosthom it-toroq li jaqgħu taħt ir-responsabbilita’ tal-Kunsill u dawk li jaqgħu taħt il-Gvern Centrali, Bini ta’ Centru Civiku, ħaddiema sekondati mall-Kunsill fost affarijiet oħra.

Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar issir laqgħa mal-Ministri konċernati fuq materji li jkunu jikkonċernaw il-Ministeri tagħhom. Il-Kunsill qabel.

c. Is-Sur Vassallo qal li hemm il-ħtieġa li jsiru tabelli tan-*No Smoking* u tabella oħra *One Way* fuq *bracket* u titwaħħal fil-kantuniera mal-ħajt fejn Ġnien il-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

d. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak biex jimtlew toqob li hemm f’ċerti toroq. Il-Kunsill qabel.

e. Is-Sindku qal li l-Ġnien tal-Kunsill trid issir Gazebo u għaldaqstant irridu inġiebu kwotazzjonijiet għal din. Il-Kunsill qabel.

*f.* Il-Kunsillier Fenech staqsa kif jitħallas il-Kunsill għal flus li joħroġ għal Ġnien tal-Kunsill. Is-Sur Vassallo qal li l-*invoices* u l-pagamenti li jagħmel il-Kunsill iridu jittieħdu mis-Sindku il-*paying agency* u dawn wara jgħaddu pagament lill-Kunsill. Is-Sur Vassallo qal li l-aħjar isir kuntatt mal-Onor Silvio Schembri w dan jiggwida lis-Sur Fenech il-proċedura.



*g.* Is-Sindku qal li jeħtieġ issir laqgħa mal-MEPA dwar il-fossa li tinsab fi Triq San Gorg. Il-Kunsill qabel.

*h.* Is-Sindku wera x-xewqa li l-iskart jibda jinġabar filgħaxija minflok filgħodu.

i. Is-Sindku qal li se jipprova li jsib persuna li tisponsorja id-dawra kollha tal-grawnd tal-futbol u jagħmel ir-reklami.

j. Is-Sindku qal li jeħtieġ li l-Kunsill jibda japplika il-*Bye Law* dwar ir-reklami. Il-Kunsill qabel.

k. Is-Sindku staqsa jekk Din l-Art Ħelwa ġietx avviċinata biex tittranġa t-Turretta. Is-Segretarju qalet li l-Kunsill diġa' avviċina lill-għaqda Din l-Art Ħelwa u ilu ħafna jistenna risposta.

l. Il-Kunsilliera Schembri qalet li kellha ilment mingħand is-Surmast dwar il-ħinijiet li jgħaddu l-karozzi tal-Arriva minn ħdejn l-Iskola. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lil *Transport Malta* dwar dan.

m. Il-Kunsilliera Schembri qalet is-Surmast qabel li l-Kunsill juża li skola għal attivitajiet bħal sports u korsijiet iżda jixtieq li issir skip oħra ħdejn l-Iskola w l-Kunsill jgħin f'affarijiet żgħar bħal ġarr ta' materjal għar-rimi kbir.

Fost il-korsijiet li semmiet is-Sinjura Schembri kien hemm dawk tal-*First Aid, Story Telling, Costume Jewellery,* Arkett, Drama, Zumba etc.

Fost affarijiet oħra l-Kunsillier Schembri semmiet li SkolaSajf li qalet tixtieq issir bħas-snin ta' qabel, iżda qalet ukoll li jekk ikun hemm talba biex il-ħin jiġi estiż sas-2.30pm din il-proposta tiġi kkunsidrata.
Il-Kunsill qabel.

n. Is-Sinjura Schembri kompliet tgħid li tixtieq torganizza ħarġa kulturali għal Għawdex. Il-Kunsill qabel.

o. Is-Sindku qal li minħabba li s-Sinjura Schembri qed taħdem fuq li sports, qiegħed jipproponi li l-karigu ta' l-isports ma jibqax għandu iżda tieħdu s-Sinjura Schembri. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

ĦAL GĦAXAQ

Is-Sinjura Schembri pproponiet lis-Sinjuri Michael Gravina, Simon Duca, Angelo Attard, Anthony Demicoli, Guido Agius u Gregory Camenzuli għas-Sotto-Kumitat ta' l- iSports.

Il-persuni nominati ġew approvati.

p. Il-Kunsillier Fenech qal li hu qed jaħdem fuq il-*Facebook* tal-Kunsill iżda l-Kunsill xorta irid joħroġ *Expression of Interest* biex ikun hemm id-*development u upgrade* tal-*Website*. Il-Kunsill qabel.

q. Il-Kunsillier Fenech qal li l-Kunsill għad għandu *stationery* u timbri li juru l-arma antika tal-Kunsill, qal li naħseb wasal il-waqt li l-Kunsill jordna *stationery* u timbri bl-arma l-ġdida. Il-Kunsill qabel.

r. Is-Sur Fenech talab il-Kunsilliera biex jgħaddulu nformazzjoni għal ħarġa tal-fuljett tal-Kunsill.

s. Is-Sinjura Agius qalet li qed tirċievi lmenti dwar l-istat ta' Triq l-Għelejjel li nofsa taqa' taħt il-Kunsill ta' Ħal Għaxaq u nofs l-ieħor taħt il-Kunsill tal-Gudja. Qalet li qed tissuġġerixxi li jsir ftehim mal-Kunsill tal-Gudja biex din issir bi spejjeż taż-żewġ Kunsilli.

t. Il-Kunsilliera Agius qalet li kantuniera ħdejn il-ħanut tal-Melita hemm arblu mqaċċat biex niktbu lil *Transport Malta* biex jittranġa. Il-Kunsill qabel.

u. Il-Kunsilliera Agius qalet li d-dawl tal-Ġnien tal-Kunsill qed jintefa' fis-2.00 ta' bil-lejl biex dan jirranġalhu it-*timer*. Staqsiet ukoll għaliex il-graund tal-*mini-pitch* mhux qed jingħalaq. Is-Sindku qal li mhux qed jingħalaq għax kif qal sew il-Viċi Sindku nies li jmorru hemm kienu qed ikissru il-katnazz.

Qalet ukoll li it-Triq ta' Santu Kristu hemm ħafna ħaxix u jeħtieġ jinqata'. Is-Sindku qal li l-mutur li jinqata' bih il-ħaxix kien għat-tiswija. Barra minn hekk qalet li hemm ħafna ħaxix ħażin fi Ġnien 2000 u anka hemm ħarruba mejta biex il-ħaddiema jieħdu ħsiebha. Il-Kunsill qabel.

Żiedet tgħid li l-garaxx li jinsab taħt il-Kunsill issa jerġa' jkun għand il-*Lands* u jeħtieġ niċċekjaw għax dan ikun tajjeb għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel.



v. Is-Sindku qal li jixtieq jixtri żebgħa ħamra biex jiżboħ il-bankini. Il-Viċi Sindku qal li din tiġi spiża kbira.

w. Is-Sindku qal li il-kenniesa mhux qed jikinsu partijiet mill-*Housing Estate*. Is-Sur Vassallo qal li jekk tiġbed l-attenzjoni tal-kuntrattur dan jinkines iżda dan mhux qiegħed fit-*tender*, jikinsu għax irid hu. Is-Sur Vassallo qal li hu kien iqabbad il-ħaddiema tal-Kunsill jikinsuh.

x. Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tas-Sindku fejn qallu li hu (s-Sindku) qed jgħid man-nies li sab id-dejn il-Kunsill, is-Sur Vassallo qal li dan mhux dejn, iżda l-Kunsill kien applika għal skemi li l-Kunsill tal-leġislatura preċedenti kollu kien qabel li japplika għalihom w għaldaqstant dawn l-iskemi iridu jitħallsu matul is-snin.

y. Is-Sur Fenech staqsa jekk il-funtana li tinsab fil-*Bypass* ta' Ħal Għaxaq taħdimx? Is-Sur Vassallo qal li din taħdem iżda hemm bżonn isir *gutter* fuq barra tal-funtana biex meta din ittajjar l-ilma, l-ilma jinġabar fil-*gutter* u jkun jista' jerġa' jintuża mill-funtana. Kif inhi bħalissa l-ilma itir u jiġi barra mill-funtana w b'hekk jintilef.

**<u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fid-9.45pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju 2013 fis-6.30pm.

| | |
|---|---|
| Darren Abela | Therese Xuereb |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**<u>Ikkonfermati: it-Tnejn 20 ta' Mejju 2013 fis-6.30pm</u>**